MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 14/2012/1

**Nicholas Cutajar**
***v.***
**Mark Portelli personalment u in rappreżentanza tal-Awtorità dwar Portijiet Ħielsa u tal-*Malta Freeport Corporation Limited***

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-President ta' din il-qorti mressqa mill-attur appellant b'nota tal-4 ta' April 2013.

2. Il-kawża nfetħet għax l-attur jgħid illi sar ksur tal-jeddijiet tiegħu mħarsa taħt l-art. 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artt. 3, 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-

Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali meta kien imċaħħad minn *promotion* għall-ħatra ta' *senior manager* mal-awtorità konvenuta minħabba akkuża falza magħmula kontra tiegħu, u meta saru diskriminazzjoni u vendikazzjonijiet kontra tiegħu u kien imċaħħad ukoll mill-ħlas ta' *termination bonus* biex jiġi mġiegħel jirtira l-kwerela li hu kien għamel mal-pulizija kontra min kien għamel l-akkużi foloz kontrieh. Talab ukoll illi jingħata r-rimedji xierqa għal dan il-ksur ta' drittijiet.

3. L-ewwel qorti b'sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar 2013 laqgħet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Frar 2013.

4. Qabel ma beda jinstema' l-appell l-attur, bin-nota fuq imsemmija tal-4 ta' April 2013, ressaq l-eċċezzjoni ta' rikuża li dwarha qiegħed jingħata dan il-provvediment. L-eċċezzjoni tressqet hekk:

"… l-esponent qed jissolleva l-eċċezzjoni tar-rikuża tas-S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri minħabba li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali fiż-żmien li nħareg l-Att ta' Akkuża fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta *vs* Nikola *sive* Nicholas Cutajar", kif ukoll meta fl-istess proċediment kriminali ġie magħmul appell mill-istess Avukat Ġenerali fit-22 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Nicholas Cutajar" u jitlob li l-appell jiġi riassenjat."

5. Fis-seduta tat-8 ta' April 2013 tniżżel dan il-verbal:

" Meta ssejjaħ l-appell deher l-appellant Nicholas Cutajar assistit minn Dr Tonio Azzopardi.

"Deher ukoll Dr Joseph Zammit Maempel ghall-appellati. Deher ukoll Mark Portelli, l-appellat.

"Il-Qorti peress li teżisti raġuni skont il-liġi għar-rikuża tal-President tal-Qorti li qiegħed jastjeni u qed jippreżenta n-nota ta' astensjoni.

"Dr Tonio Azzopardi jinsisti li l-verbal li ġie reġistrat jibqa' kif inhu.

"Dr Joseph Zammit Maempel għall-appellati, qabel ma l-qorti tiddeċiedi dwar it-talba tar-rikuża, jissottometti illi ma teżistix raġuni valida u legali biex isseħħ ir-rekuża tal-President tal-Qorti.

"F'dan l-istadju l-qorti stiednet lill-avukat tal-appellant jispjega r-raġuni li għaliha qed jitlob ir-rekuża tal-President tal-Qorti u kif din tinkwadra fir-raġunijiet ta' rikuża skont il-liġi u jispeċifika d-disposizzjoni tal-liġi rilevanti fir-rigward.
"Dr Tonio Azzopardi għall-appellant jitlob 48 siegħa żmien sabiex ikun jista' jindika d-disposizzjoni rilevanti tal-liġi.
"Dr Joseph Zammit Maempel ma jopponix.
"Il-qorti tilqa' t-talba tal-appellant sabiex fi żmien jumejn jippreżenta nota li biha jindika d-disposizzjoni rilevanti tal-liġi li fuqha qiegħed iserraħ it-talba għar-rikuża tal-President tal-Qorti.
"L-appell qed jiġi differit għall-provvediment ghad-29 ta' April 2013 fid-9.30 *a.m*."
6. B'nota tal-10 ta' April 2013 l-attur kompla fisser hekk ir-raġuni għall-eċċezzjoni tiegħu:
"Illi l-ebda wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jgħodd għall-każ preżenti.
"B'danakollu, skont il-verbal iddettat mill-President ta' din l-onorabbli Qorti nnifsu, is-S.T.O. Silvio Camilleri, l-astensjoni kienet diġà seħħet.
"Id-deċiżjoni meħuda personalment mis-S.T.O. Silvio Camilleri, President ta' din l-onorabbli Qorti, ladarba ngħatat *seduta stante* la tista' titreġġa' lura u lanqas tinbidel.
"Subordinatament u bla preġudizzju għal dan, ir-rikuża ma tistax titħassar aktar u aktar minħabba oġġezzjoni mid-difensur tal-appellat *pro et noe* meta t-talba għar-rikuża ma tistax tkun ta' preġudizzju għall-appellat *pro et noe*, u allura tali oġġezzjoni ma tagħmilx sens.
"Subordinatament u bla preġudizzju għal dan, il-posizzjoni tal-Avukat Ġenerali vis-à-vis l-appellant mhux bħal dik ta' ġudikant li jkun iddeċieda kawża kontra l-appellant, u dan peress illi l-funzjoni tal-Avukat Ġenerali fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu fil-kamp penali hija li jaddossa l-ħtija fuq il-ġudikabbli li kontra tiegħu jkun diġà ħa d-deċiżjoni li joħroġ att tal-akkuża.
"Għalhekk, l-appellant huwa ġustifikat li ma jarax fil-persuna tas-S.T.O. Silvio Camilleri, li kien jokkupa l-ħatra ta' Avukat Ġenerali meta dan ħareġ att ta' akkuża kontra tiegħu, bħala ġudikant indipendenti u imparzjali kif jirrikjedi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta."

7. L-attur ikompli billi jiċċita minn sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Oleksandr Volkov *v.* l-Ukrajna (rik. 21722/11, 9 ta' Jannar 2013) u Harabin *v.* l-Islovakkja (rik. 58688/11, 20 ta' Novembru 2012.

8. Fil-fehma ta' din il-qorti, fil-meritu ma hemm ebda raġuni valida għar-rikuża jew astensjoni. Il-meritu tal-kawża ma huwiex dwar l-akkużi magħmula kontra l-attur iżda dwar l-imġieba tal-konvenuti. Bl-argument tal-attur, kull ġudikant li xi darba sab ħtija f'persuna ma jista' qatt iżjed jisma' kawża li fiha dik il-persuna tkun parti, ukoll meta l-meritu ma huwiex dwar dik il-ħtija. Effettivament li jrid l-attur huwa l-jedd li jagħżel il-ġudikant tiegħu.

9. Fil-każ tallum iżda hemm il-fattur tal-astensjoni ġà magħmula u reġistrata. L-art. 738 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

"**738.** (1) Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċidi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni, u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell, u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida.

"(2) Fil-każijiet li fihom il-qorti hija kkostitwita b'iżjed minn imħallef wieħed, l-imħallfin kollha, u fosthom l-imħallef irrikużat, jiddeċidu fuq l-eċċezzjoni ta' rikuża, u meta hemm dubju jekk ir-raġuni miġjuba għall-astensjoni hix tajba jew le, l-imħallfin kollha, fosthom l-imħallef li jkun ġieb dik ir-raġuni, jiddeċidu fuq ir-raġuni ta' rikuża jew ta' astensjoni."

10. Tassew illi l-liġi tgħid illi meta mħallef iressaq raġuni għall-astensjoni f'qorti kolleġġjali l-imħallfin kollha jiddeċidu fuq ir-raġuni ta' astensjoni, li jfisser illi l-fatt illi mħallef iressaq raġuni għall-astensjoni tiegħu ma huwiex ekwivalenti għal astensjoni. Fil-każ tallum iżda mhux biss tressqet ir-raġuni għall-astensjoni iżda l-astensjoni nfisha ġiet reġistrata bħala deċiżjoni tal-qorti.

11. Tassew ukoll illi huwa biss fis-subartikolu (1), dwar meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed, illi jingħad illi kontra d-deċiżjoni ta' astensjoni ma jingħatax appell, iżda dan ma jissemmiex ukoll fis-subartikolu (2), dwar qorti kolleġġjali, mhux għax f'dak il-każ, *a contrario*

*sensu*, jingħata appell iżda għax il-qorti kolleġġjali hija l-Qorti tal-Appell, u minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma jingħatax appell.

12. Fil-każ tallum għalhekk ġià hemm astensjoni li ma hijiex rivedibbli f'dan l-istadju minn din il-qorti. L-astensjoni tal-President tal-Qorti għalhekk għandha tibqa' fis-seħħ.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------